# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Marzu, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 129/2022 TA**

**Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' ta' Standards ta' Harsien Soċjali rappreżentant ta' Joanna Zarzyczna 76081413860**

**Vs**

**Joseph Farrugia 0530464M**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors tal-Kap Esekuttiv tal-Awtorita' ta' Standards tal-Harsien Soċjali rappresentant ta' Joanna Zarzyczna (ir-rikorrenti) tal-14 ta' Frar 2022.

1. "Illi l-esponent qed jidher in rappreżentanza ta' Joanna Zarzyczna (76081413860), residenti l-Polonja, bħala kreditriċi ta' manteniment mingħand Joseph Farruġia bin-numru tal-Karta ta' identita 530464M;

2. Illi l-esponenti qed jintavola dawn il-proċeduri fuq talba bil-għan li tiġi eżegwita deċiżjoni ta' manteniment mogħtija u rikonoxxuta fi-Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob sabiex:

1) Tikkonferma il-kreditu dovut lill attriċi;

2) Tikkundanna lill-konvenut iħallas dik is-somma hekk stabbilita lill-attriċi,

Bl-ispejjeż".

Rat ir-risposti ta' Joseph Farruġia (l-intimat) tat-8 ta' April 2022 u dik tad-9 ta' Frar 2023.

"Fl-ewwel lok din il-Qorti mhiex kompetenti għax materja ta' familja tismagħha il-Qorti tal-Familja speċjalment f'kawżi ta' manteniment u di piu għandu jinbeda bi medjazzjoni u mhux hekk;

Fit-tieni lok ġja hemm proċeduri ġewwa l-Polonja fuq il-mertu tal-manteniment li qiedgħin jiġu kkontestati għad m'hemmx deċiżjoni jiġifieri ma jistax ikun illi hemm żewġ talbiet fuq l-istess mertu u għalhekk dan ir-rikors għandu jiġi miċħud".

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċeduri.

Rat li r-rikors tħalla għall-lum għal deċiżjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

Dak li trid ir-rikorrenti huwa li din il-Qorti tikkundanna lilll-intimat iħallasha somma flus bħala manteniment, liema somma kienet ingħatat lilha b'deċiżjoni ta' Tribunal Pollakk. Ma hux ċar jekk ir-rikorrenti hiex titlob l-eżekuzzjoni ta' dik is-Sentenza jew tridx tottjeni dikjarazzjoni ta' kundanna f'somma flus inkwantu li hi tgħid li l-intimat huwa kreditur tagħha.

Bħala prova r-rikorrenti presentat dokument li presubilment hija kopja mhux uffiċjali ta' din is-Sentenza għaliex hija fl-ilsien pollakk u din il-Qorti ma tifhimx dan l-ilsien (a' fol 2 u 8). Fid-Digriet tagħha tal-21 ta' April 2022, il-Qorti ordnat lir-rikorrenti sabiex tesebixxi kopja awtentikata tad-dokumenti u kif ukoll traduzzjoni tagħhom. Fis-seduta tas-26 ta' Mejju l-Qorti għamlet l-istess ordni. Permezz ta' nota tad-29 ta' Settembru 2022 ir-rikorrenti presentat kopja mhux uffiċjali tal-imsemmija Sentenza bl-Ingliż fil-waqt li fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022 qablu li kien hemm appell minn din is-Sentenza.

Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2022, Dr. Martin Fenech issottometta li fost affarijiet oħra l-intimat jikkontendi li qabel ma ngħatat is-Sentenza Pollakka l-intimat ma kienx debitament notifikat skond il-liġi. Għalhekk il-Qorti ordnat lir-rikorrenti sabiex tottjeni mill-Qorti Pollakka kopja legali fil-lingwa Ingliża tad-debiti notifiki inkwantu jirrigwarda notifiki tal-atti tal-Kawża Pollakka. (a' fol 24).

Il-Qorti reġgħet ordnat lir-rikorrenti jipproduċi dawn id-dokumenti fis-seduta tal-15 ta' Novembru u l-kawża tħalliet għal 31 ta' Jannar 2023. F'dik is-seduta ħalliet il-kawża għall-provi kollha tar-rikorrenti u kif ukoll sabiex jesebixxi d-dokumenti li baqa' qatt ma esebixxa kif ordnat għal diversi drabi minn din il-Qorti. Fit-13 ta' Marzu r-rikorrenti baqet ma dehritx u l-proċeduri tħallew għas-Sentenza għall-lum.

Il-Qorti kkunsidrat li l-istess partijiet jaqblu li s-Sentenza tal-Qorti Pollakka ġiet appellata, għalhekk ma jistax jingħad li hemm ġudikat. L-anqas ma huwa sewwa li d-dokumenti li qed tistrieħ fuqhom ir-rikorrenti ma humiex awtentikati mill-Awtorita' kompetenti tal-Qorti Pollakka. F'dawn il-proċeduri l-awtentiċita' tad-dokument li joħloq it-titolu, sakemm ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet, hija element *sine qua non.*

Għalkemm din il-Qorti ma tafx esattament x'inhu l-mertu tal-appell, kemm-il darba talbet lir-rikorrenti sabiex tesebixxi kopja tar-riferti tan-notifiki tal-atti li waslu għad-deċiżjoni tal-Qorti Pollakka u dan baqet ma għamlitux.

Għalhekk wara li anke rat x'jiddisponi r-regolament 4/2009EC, ma tistax tilqa' it-talbiet fir-rikors.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet rikorrenti mingħajr ebda preġudizzju għal kull azzjoni oħra li talvolta jista' jkollha skond il-liġi.

Spejjeż għar-rikorrenti

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**